Dleg €100 ms

Dleg ut €50 ms.

**Fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

Prez €60.00
D/Reg €100.00
4 Reg € 24.00
4 Not € 4.80
€188.80

**Rosette Thake (K.I. 0221668M)**
**Gary Colin Jameson (K.I. 0057399A)**
**Catherine Desira (K.I. 60963M)**
**Nutar Dottor Robert Aquilina (K.I. 0313178M)**
**Jeanette Aquilina (K.I. 0417480M)**
**Louiselle Vassallo (K.I. 22572M)**
**John O'Dea (K.I. 0713744M)**
**Simeon Deguara (K.I. 304270M)**
**Pierre Mallia (K.I. 500867M)**
**Godwin Navarro (K.I. 0535944M)**
**Jennifer Piccinino (K.I. 44866M)**
**Renato Camilleri (K.I. 51481M)**
**Emanuel Delia (K.I. 560176M)**
**Kim Wright (K.I. 0391903L)**
**Joseph Pace Axiak (K.I. 298451M)**
**Gaetano Zammit (K.I. 0572562M)**
**Antoinette Zammit (K.I. 0019465M)**
**Jonathan Spiteri Terribile (K.I. 35884M)**
**Philip Spiteri (K.I. 30759M)**
**Dottor Michael Zammit Maempel (K.I. 51677M)**
**Catherine Grixti (K.I. 561175M)**
**Angelino sive Lino Abela (K.I. 0121664M)**
**Tabib Dottor John Paul Caruana Galizia (K.I. 0197579M)**
**Marie Dolores sive Maria Doriette Soler (K.I. 0303961M)**
**Paul Soler (K.I. 0652060M)**
**Darren Micallef (K.I. 364876M)**
**Joseph Delia (K.I. 470750M)**
**Mark Miceli-Farrugia (K.I. 0589650M)**
**Avukat Dottor Andrew Borg Cardona (K.I. 818655M)**
**Lucien Mario Stafrace (K.I. 0133865M)**
**Carmel Massa (K.I. 243252M)**
**Saviour Mamo (K.I. 484545M)**
**Mario Grech (K.I. 419250M)**
**Ian Galea (K.I. 0178665M)**
**Elizabeth sive Betta Ellul (K.I. 151755M)**
**Cornelis Pieter De Jong (K.I. 0031518A)**
**Nicholas De Giorgio (K.I. 0392448M)**
**Raymond Cassar (K.I. 721957M)**
**Denis Zammit Cutajar (K.I. 476355M)**

**Francis Xavier Naudi (K.I. 629335M)**
**Albert Dimech (K.I. 0015137M)**
**Frank Fenech (K.I. 707751M)**
**John Farrugia (K.I. 371253M)**
**Marisa Farrugia (K.I. 268057M)**
**Anthony Joseph Gatt (K.I. 275545M)**
**Rose Agius (K.I. 678649M)**
**Michael Vella (K.I. 754338M)**
**(198, Old Bakery Street, Valletta)**

**Vs.**

**Avukat tal-Istat**
**(Casa Scaglia, 16, Mikiel Anton Vassalli Street, Valletta)**

**u**

**Enemalta plc (C 65836)**
**(Triq Belt il-Hazna, Marsa)**

**U**

**Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054)**
**(Gattard House, Notional Road, Blata L-Bajda)**

**Rikors Kostituzzjonali ta' Rosette Thake (K.I. 0221668M) et:-**

*Jesponu bir-rispett:-*

1. Illi r-rikorrenti huma cittadini Maltin u/jew cittadini Ewropej u lkoll utenti ta' Automated Revenue Management Services Ltd (ARMS Ltd) li tipprovidi servizz ta' dawl u ilma mghoddi lilha minn Enemalta plc biex tissuplixihom bid-dawl u ilma li taghhom jhallsu tarriffi stipulati u mahruga mill istess entita' bi ftehim ma' Enemalta Plc.

2. Illi s-servizz li huma jircievu minn Enemalta plc tramite Automated Revenue Management Services Limited huwa servizz essenzjali u servizz ta' monopolju assolut ghas-servizz u l-provvista tad-dawl f'Malta.

3. Illi minkejja li hija socjeta privata l-ishma ta' Enemalta plc huma fil-maggoranza taghhom tal-Gvern Malti.

4. Illi din l-istruttura hija intiza biex taghti servizz pubbliku fl-interess nazzjonali bi qliegh dicenti, mhux a gwadann tal-privat imma ghat-tutela tas-salvagwardi tad-drijjiet tac-cittadin biex jkun supplit b'elettriku ghal hajja dicenti, u ta' dinjita' tal-persuna umana.

5. Illir-rikorrenti m'ghandhom ebda ghazla hlief li jircievu dan is-servizz essenzjali minn Enemalta plc u li ghal tali servizz ghandhom jhallsu prezzijiet gusti u ragjonevoli, mhux ghall-gwadann tat-terz , meta dan seta facilment jigi evitat kieku ma giex kreat saff iehor bejn Socar SA, li kienet tissuplixxi z-zejt, u l-Enemalta plc.

6. Illi konsegwentament, din l-entita' hija moghnija minn responsabilitajiet u obbligi pubblici li ghandhom jigu ezercitati biss fl-interess pubbliku b'mod gust u ragonevoli ghas-salvagwardja ta' dinjita' tal-persuna u tad-drittijiet tal-konsumatur.

7. Illi b'konsegwenza ta' kuntratti frawdolenti li iffirmat l-Enemalta plc u l-Gvern Malti ma' Electrogas Ltd wassal biex ir-rikorrenti bhala konsumaturi qeghdin ikollhom ihalsu kontijiet esagerati u gholjin bi frodi ta' drittijiet taghhom bhala konsumaturi, a beneficcju tal-privat.

8. Illi dan huwa minhabba l-fatt illi l-ispiza interkorsa minn Enemalta plc mijiex l-ispiza tax-xiri tal-gass/zjut minn Socar S.A u spejjez ohra ancillari u diretti biex jigu fornuti l-elettriku ghal din il-kommodita' essenzjali, imma gia krejat saff iehor
ta' profitt ghall-Electrogas Ltd, a beneficcju tal-privat, u b'dannu ghall-konsumaturi rikorrenti, u ghal-gwadan tal-azzjonisti tal-Electrogas Ltd, bi frodi tad-drittijiet tal-konsumatur u tar-rikorrenti, aktar w aktar meta ix-xiri tal-elettriku mill-interconnector kien diga hafna orhos mix-xiri tal-gass mill-Electrogas.

9. Illi Enemalta plc dahlet f'kuntratti fosthom "Security of Supply Agreement" li kien jinkorporha fih ukoll "Security of Revenue" li permezz tieghu Electrogas Ltd giet accertata dhul minimu garantit fosthom illi l-Enemalta ikommettit "take-or-pay obligation" ta' 85% tal- "annual contract power" fornut mill- Power Station Delimara 4 kif ukoll 85% tal- "annual contract quantity" fornut mill- Power Stations Delimara 3, din ta' l-ahhar propjeta tal-Gvern Malti waslet ghal-spiza disproporzjonata u bla bzonn ghal- Enemalta Plc, u dan b'konsegwenza ta' kontijiet aktar elevati ghal-konsumaturi u rikorrenti, u dan iktar u iktar meta x-

xiri tal-gass u zjut mill-interconnector huwa ferm irhas minn dak provdut minn Electrogas Ltd.

10. Illi dan kollu diga' gie verifikat mill-Awditur Generali fir-rapport tieghu ta' Novembru 2018, hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".

11. Illi l-Awditur Generali fir-rapport tieghu jaghmel analizi okkurata ta' kemm il-prezz tal-elettriku fornut mill- Electrogas Ltd huwa aktar ghali minn dak provdut mill- interconnector bejn Malta u Sqallija. Illi mill-kalkoli li jaghmel l-Awditur ghal-perjodu ta' April 2017 sa' Gunju 2018, johrog bic-car li l-Enemalta hallset min ta' lanqas €71,478,157.40 aktar meta xtrat is-servizz mill-Electrogas Ltd milli kieku kienet thallas li kieku xtrat l-istess servizz mill-interconnector.

12. Illi din l-spiza akbar, l-Enemalta plc dahlet ghaliha ma' Electrogas Limited hija a vantagg biss ta' interessi privati u mhux fl-interess nazzjonali, biex b'hekk, bi frodi r-rikorrenti konsumaturi qed jigi defrodati mid-drittijiet taghhom li jircievu servizz bl-irhas prezz, imma li gie minfuh bis-saff li gie kkreat bejn Socar SA u l-istess Electrogas Limited, minflok direttament bejn Socar SA u Enemalta plc.

13. Illi dan is-saff ikkreat bejn Socar SA u Electrogas Limited, u sussegwentement Electrogas Ltd u Enemalta plc, kkawza dannu frawdolenti lir-rikorrenti, u bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-istess rikorrenti kif sanciti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

14. Illi dan gia kollhu pruvat mill-Awditur Generali fir-rapport tieghu li gie ippublikat f'Novembru 2018 (Il-verzjoni redattata hija annessa u markata bhala Dok. A) fejn juri:

a. thassib serju ghal- mod kif it-*tendering process* li bih giet maghzula l-entita' Electrogas Ltd kien imexxi fejn jispjega li mill-investigazjonijiet tieghu sav certu maniggi idisinjati biex jiffavorixu lil Electrogas Ltd u mhux il ben esseri tar- rikorrenti, il-konsumaturi u l-interess nazzjonali.

b. Id-disparita' fil-prezzijiet, bil-prezzijiet offruti mill- Electrogas Ltd u li ghalihom l-istess Enemalta plc dahlet b'kuntratti ta' xiri ghal 18 il-sena, sinifikament aktar gholjin mill-prezzijiet li l-Enemalta plc kienet diga tixtri l-elettriku mill-interconnector jew minn mezzi alternattivi ta'produzzjoni tal-energija.

15. Illi min dan ir-rapport tal-Awditur Generali jirrizulta illi il-process u l-kuntratti iffirmati mall-Electrogas Ltd kienu ivizjati u ghalhekk mhux fl-interess tal-konsumatur u ergo ta' l - istat Malti imma tal-interessi privati tal-azzjonisti tal-Electrogas Ltd a skapitu tal- interess nazzjonali u l-interess pubbliku, u konsegwentement tar-rikorrenti.

16. Illi konsegwentament ir-rikorrenti ossia konsumaturi tal-istess ARMS Ltd u Enemalta plc qeghdin ihallsu prezzijiet aktar gholja minhabba il-kuntratti li dahlet ghalihom l-istess Enemalta ma' Electrogas Ltd u dan ghal-beneficcju tal-azzjonisti ta' dik l-istess kumanija b'interessi privati a skapitu tal-propjeta taghhom u mhux fl-interess pubbliku u dan bi ksur tal- Artikolu 1 tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ta' Drittijiet tal-Bniedem.

17. GHALDAQSTANT ir-rikorrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, sabiex jghidu l-intimati jew min minnhom, ghaliex m'ghandhiex:

I. Tiddikjara u Tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u cioe illi bi frodi, maniggi, negligenza grossolana u b'dannu ghar-rikorrenti fil-kwalita taghhom ta' konsumaturi ta' ARMS Ltd u Enemalta plc, il-ftehim raggunt bejn Electrogas Limited u l-Enemalta Plc sar bi frodi tad-drittijiet tar-rikorrenti stante li b'konsegwenza tieghu huma qed jhallsu kontijiet iktar oghla minn dak li kellhom jhallsu kieku l-Enemalta plc fthemet direttament mal-fornitur tal-gass u zjut, ossia Socar SA, u dan bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea, stante li qed jigu deprivati minn hwejjighom, ossia f'pagamenti oghla minn dak li huma ghandhom jhallsu, mhux fl-interess nazzjonali jew interess pubbliku, imma ghall-interess privat.

II. Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat u/jew Enemalta plc u /jew ARMS Ltd jew min minnhom huma responsabbli ghall-kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet taghhom stante illi gew deprivati mill-propjeta taghhom mhux fl-interess nazzjonali jew ghal-skop pubbliku izda ghal-interess privat b'saff ikreat biex jissuka flus ir-rikorrenti a beneficju tal-interessi ta' Electrogas Ltd u dan in vjolazzjoni tal- Konvenzjoni Ewropea ossia l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol fuq il-Protezzjoni tal-Proprjeta.

III. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi illi qed jigu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom bi vjolazzjoni ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk taghti lir-rikorrenti ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.

IV. Tillikwida danni pekunjarji u non pekunjarji li soffrew u li qeghdin issofru f'kontijiet aktar gholja min dak li ghandhom ihallsu b'dan is-saff li gie kreat biex Electogas Ltd tissukalom flushom ghal-interess esklussiv taghhom.

V. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat u/jew Enemalta plc u/jew ARMS Ltd jew min minnhom jhallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati u ai termini tal-Ligi bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

VI. Tordna li l-kuntratti tal-Electrogas Ltd mal-Enemalta plc li qed jikkawzaw li jigi lez id-dritt tar-rikorrenti u danni sofferti minnhom jigi rexiss ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan sabiex tinqered l-ghajn tal-frodi, maniggi, negligenza grossolana b'dannu ghar-rikorrenti u li se jkompli jipperpetwaw ruhhom sakemm jibqghu in ezistenza dawn il-kuntratti biex b'hekk kull ksur Kostituzzjonali bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenjoni jigi raddestrat fl-interess tar-rikorrenti u ta' l-interess kollettiv tal-utenti kollha u ta' l-istat Malti.

**Bl-ispejjez kollha, u bl-ingunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni.**

**Av. Edward DeBono**
**198, Old Bakery Street, Valletta**

**P.L. Katrina Zammit Cuomo**

**ELENKU TAD-DOKUMENTI**

**Dok. A** **Rapport tal-Awditur Generali dwar il-kuntratti bejn l-ElectroGas Malta Ltd u l-Enemalta (Verzjoni Redatta), Novembru 2018**

**Av. Edward DeBono**
**198, Old Bakery Street, Valletta**

**P.L. Katrina Zammit Cuomo**

25 JUN 2021
Illum ______________________

Ipprezentata mill- PL K. Zammit Cuomo

bla dok/b B'dok wieħed (1) dokument